

# Il-Filarmonika *L'Unione* fl-1893

*Mija u ħamsa u għoxrin sena ilu*

**Frans Galea**

Mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, il-Filarmonika L'Unione kienet fl-aqwa tagħha, tant li kienet impenjata f'għadd ta' servizzi mużikali matul is-sena. Insibu li fi programm mimli sew b'attivitajiet mifruxa fuq marċi minn ħames baned, waħda minnhom kienet dik tal-Unjoni, li daqqet lejlet San Publiju fil-Furjana. Dan kien fis-sena 1893 u l-Banda ta' Ħal Luqa daqqet fi Triq Sant'Anna fit-8.00 ta' filgħaxija.

Fit-23 u l-24 ta' Awwissu 1893, għall-festa ta' San Bert f'Ħal Għargħur, il-Banda L-Unjoni taħt it-tmexxija tas-surmast il-ġdid Gaetano Grech kellha żewġ programmi, li fosthom insibu żewġ biċċiet *The Secret* u *The 6th of August* tal-istess Grech.

Nhar l-Erbgħa 29 ta' Novembru l-Banda L-Unjoni daqqet programm addattat ħafna għal-lejlet il-festa tal-patrun tar-raħal Sant'Andrija. Dan sar fis-7.00 ta' filgħaxija fejn esegwiet:

Passo Doppio - S. Andrea - G. Grech
Sinfonia - Fest - Godfrey
Reminiscenza - Verdi
Inno all'Apostolo S. Andrea - G. Grech
Reminiscenza - Bellini
Valzer e Gallop - Excelsior - Marengo

Is-sena 1893 ingħalqet mill-Banda L-Unjoni b'kunċert fil-pjazza tar-raħal nhar il-Ħadd 10 ta' Diċembru fis-7.00 ta' filgħaxija. Bħal donnu din kienet allegrija u divertiment mhux tas-soltu, sabiex b'hekk il-Ħalluqin ikollhom iċ-ċans jaqtgħu ftit mill-ħajja kwieta u ħiemda matul is-sena.



Il-Filarmonica L'Unione ddoqq waqt it-tlugħ tal-qanpiena l-kbira